MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 1172/2002

**Summit Developments Company Limited.**

**-vs-**

**Patricia Pillow u ghal kull interess li jista' jkollu zewgha Adrian Pillow.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Summit Developments Company pprezentat fil-21 ta' Ottubru 2002 li permezz tieghu esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar tat-8 ta’ April, 1994 (kopja ta’ liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument SDC 1) is-socjeta’ rikorrenti kienet bieghet u ttrasferiet l-appartament internament immarkat numru erbgha (4) fil-blokk ta’ appartamenti taht is-sit fejn qabel kien hemm id-dar numru 86, gewwa Tonna Street, Tas-Sliema.

Illi dan il-bejgh sar ghall-prezz ta’ disat elef lira Maltin (Lm9000) liema prezz kellu jithallas kwantu ghal elfejn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250) sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data tal-kuntratt cjoe’ t-8 ta’ April, 1994, elfejn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250) sa mhux aktar tard minn sena mit-8 ta’ April, 1994, elfejn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250) sa mhux aktar tard minn tmintax (18) il-xahar mit-8 ta’ April, 1994 u l-ahhar elfejn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2250) sa mhux aktar tard minn sentejn mit-8 ta’ April, 1994 u dan bl-imghaxxijiet fuq kull bilanc skond l-oghla rata ta’ imghax imhallsa lill-banek kummercjali cjoe’ bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Illi l-intimata Patricia Pillow ma hallset xejn minn dan il-prezz u ghalhekk illum tinsab dovuta s-somma ta’ disat elef lira Maltin (LM9000) oltre l-imghaxxijiet li ddekorrew fuq l-imsemmi ammont mid-data tal-att pubbliku fuq imsemmi.

Illi billi ghaddew aktar minn hames snin minn meta l-kuntratt pubbliku fuq imsemmi seta’ jigi esegwit u billi sal-lum l-intimata Patricia Pillow ghadha ma hallset xejn mill-ammonti dovuti minnha skond l-imsemmi kuntratt, is-socjeta’ rikorrenti jinhtigilha li taghmel talba permezz ta’ rikors sabiex titlob l-

esekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt kwantu l-hlas tal-prezz fuq imsemmi ta’ disat elef lira Maltin (Lm9000) u tal-imghaxxijiet li ddekkorrew fuq l-imsemmi prezz ta’ disat elef lira Maltin (Lm9000) bir-rata ta’ imghax ta’ tminja fil-

mija (8%) fis-sena mid-data tal-att pubbliku cjoe' mit-8 ta' April, 1994 sad-data tal-effettiv pagament.

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti umilment titlob ghat-tenur tal-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tordna l-esekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Herbert Cassar tat-8 ta' April, 1994 (Dokument SDC 1) kwantu ghall-hlas tal-prezz fuq imsemmi ta' disat elef lira Maltin (Lm9000) flimkien mal-imghaxxijiet dekorsi skond rata ta' imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data ta' l-att pubbliku cjoe it-8 ta' April, 1994 u dana wara li permezz ta' dikjarazzjoni guramentata li tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument SDC 2 ir-rappresentant tas-socjeta' rikorrenti qieghed jikkonforma x-xorta tad-dejn u tat-talba li taghha sejra tintalab l-esekuzzjoni, kif ukoll tal-fatt li d-dejn ghadu dovut.

Bl-ispejjes.

Rat li l-intimata ma ippresentat ebda risposta.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' rikorrenti bis-somma ta' Lm2,100.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' April 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet l-Avukati.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li jigi res esegwibbli l-kuntratt bejn il-partijiet fuq imsemmi fejn l-intimata kellha bilanc ta' disat elef lira xi thallas. Minn dakinhar li gie presentat ir-rikors jidher li saru xi pagamenti u ghalhekk wara dan baqa' bilanc ta' Lm7,600.

**Billi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti mhijiex kontradetta, il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fil-kontumacja tal-intimat u tordna l-esekuzzjoni tal-kuntratt imsemmi ghall-ammont ta' sebat elef u sitt mitt lira maltin (Lm7,600) oltre imghaxijiet legali mit-2 ta' Dicembru 1996.**

**L-ispejjes jigu sopportati mill-intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------